# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU HAMSA U ERBGHIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar il-Hamis 24 ta' Jannar, 2008 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | 6.30pm |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Deputat Segretarju Eżekuttiv | |
| Udjenza : | 0 | | | |

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku
3. Diskussjoni mas-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Arthur Perici
4. Decizzjoni dwarhatra ta' skrivan/a
5. Ftehim mhux ufficcjali Ground tal-Football
6. Hwejjeg ohra.

## 45 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsill kellu ghall-approvazzjoni il-Minuti tal-laqghat nru 43 u 44.

45(1) 1 Fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva il-Minuti tal-laqgha nru 43.

45(1) 2 Fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva il-Minuti tal-laqgha nru 44.

## 45(2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta' taghrif tal-laqghat u hidma li saret mill-ahhar laqgha tal-Kunsill.

45(2) 1 **Asst. Direttur Sur Alfred Armeni**

Bghat email dwar seminar li sa ssir ghas-Sindki nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar 2008 bejn l-10.00am u 12.00am dwar zwiegijiet mis-Sindki.

45(2) 2 **Ian Camillieri**

Ian Camilleri l-applikant ghal post ta' skrivan mal-Kunsill bghat nota fejn irringrazzja lill-Board u l-Kunsill ghal hatra tieghu, imma iddecieda li mhux interessat.

45 (2) 3 **Amandine Leopald ghal AVEC**

Bghatet email fejn infurmatna li ma hallasniex l-kontribuzzjoni taghna 2007-2008li jammontaw Euro 141.44.

45 (2) 4 **Silvio Frendo – Ground tal-Football**

E-mail minn Silvio Frendo dwar il-konferma tal-Ground.

## 45 (3) Diskussjoni mas-Sur Arthur Perici is-Segretarju Ezekuttiv il-Gdid

Wara ir-rakkomandazzjoni tas-Sur Arthur Perici mill-Bord tal-Ghazla u wara l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali, is-Sindku Joseph Casha kellu laqgha mas-Sur Arthur Perici fejn iddiskutew il-bidu tal-hatra tieghu bhala Segretarju Ezekuttiv. Iddiskutew ukoll l-andament tax-xoghol u l-hidma tal-kunsill dwar fif ghandu jsir il-hand over.

45 (3) 1 Is-Sur Perici informa lis-Sindku li huwa kien jkun jista jibda fil-kariga b'effett mill-1 ta' Frar 2008 minhabba li kellu jghati notice ta fejn kien qed jahdem.

45 (3) 2 Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li hu baghat jinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar din il-hatra bil-ghan li tigi approvata mill-Ministeru tal-Gustizzja u Gvern Lokali. Is-Sindku talab biex din il-hatra tigi approvata fl-iqsar zmien possibbli u b'effett mill-1 ta' Frar 2008.

45 (3) 3 Ma din l-ittra intbaghtu id-dokumenti mehtiega biex din il-hatra ta' Segretarju Ezekuttiv ta' dan il-Kunsill tkun tista tigi approvata.

## 45 (4) Decizzjoni dwar l-impieg ta' Skrivan/a fl-Ufficcju Amministrattiv tal-kunsill

45 (4) 1 Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li wara li l-Bord tal-Ghazla rrakomanda lill Ian Camilleri ghal dan l-impieg, is-Sur Camilleri rega bidel hsiebu u informa lill-Kunsill li ma ghadux interessat f'dan l-impieg.

45 (4) 2 Minhabba f'dan il-Kunsill iddiskuta l-passi li dan il-Kunsill kellu jiehu biex il-vakanza ta' skrivan tigi mimlija.

45 (4) 3 Il-Kunsill qabel li jinforma lill-ETC dwar dan u jitlobhom jibghatu ghal dawk li qed jirregistraw fuq part 3.

## 45 (5) Ftehim mhux ufficcjali Ground tal-Football

Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li d-diskussjonijiet u negozjati li saru mal-kuntrattur li kien interessat li jahdem il-Ground tal-Football, huwa qed jipproponi li dan il-ftehim jigi diskuss u approvat mill-Kunsill

Il-Kunsilliera Charmaine Gerada ta lbet biex titlaq fit-8.30 pm

45 (5) 1 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv irrimarka li qabel jigi diskuss u tittiehed decizzjoni dwar dan il-ftehim, jkun ahjar li ssir Management Accounts sa l-ahhar ta' Jannar 2008 biex tkun maghrufa l-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

45 (5) 2 Wara diskussjoni mill-membri tal-Kunsill, is-Sindku talab biex din il-laqgha tigi aggornata biex huwa jkun jista jitlob lil Accountant tal-Kunsill biex taghti l-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill qabel tittiehed decizzjoni finali.

## KUNSILL LOKALI ISLA

## IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU HAMSA U ERBGHIN (tkomplija)

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tnejn 18 ta' Frar, 2008 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |
| Skuzati : | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Deputat Segretarju Eżekuttiv | |
| | Arthur Perici | - | Segretarju Ezekuttiv | |
| Udjenza : | 0 | | | |

45 (5) 3 Is-Sindku Joseph Casha qal li baghat ghall-Accountant fejn talabha li taghti pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill sal-31 ta' Jannar 2008. Infatti s-Sindku talab lill Accountant li kienet prezenti ghal din il-laqgha sabiex taghti r-rapport taghha.

45 (5) 4 Mir-Rapport Finanzjarju (sal-31 ta' Jannar 2008), hareg car liil-Kunsill qieghed f'pozizzjoni tajba hafna tant li huwa progettat li l-Kunsill sejjer jaghlaq is-sena finanzjarja tieghu b'rizerva ta' madwar Euro 20,000 apparti is-Surplus ta' 10% mitlub mill-ligi.

45 (5) 5 Wara mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kunsill lil Accountant fuq dan ir-rapport finanzjarju, is-Sindku Joseph Casha talab biex dan ir-rapport jigi approvat.

Fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva dan ir-rapport finanzjarju.

45 (5) 6 B'rizultat ta' dak li qed juri dan ir-rapport finanzjarju, fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, ipproponali titressaq din il-mozzjoni ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Mozzjoni tghid hekk :
'Il-Kunsill qed jaqbel fil-principju li jkompli miexi biex il-progett tal-Ground tal-Football isir. Il-Kunsill ghandu jitlob il-permess biex id-Dipartiment tal-Gvern Lokali japprova li jaghti il-Go Ahead lill dan il-Kunsill biex jidhol ghal dan il-Kuntratt.

Dan qed isir biex il-progett li huwa mahsub li jibda f'April 2008 peress li l-Kunsill jkun qed itemm il-mandat tieghu fl-ahhar ta' Marzu 2008.'

Il-Kunsill approva nem com din il-mozzjoni.

## 45 (6) Hwejjeg Ohra

45 (6) 1 Wara verifikazzjoni tal-Minuti gie innutat li fil-Minuti tal-Laqgha Nru 43 kien hemm imnizzel li ma sarux hlasijiet ta' pagamenti. Fil-fatt dan kien skorrett ghax saru hlasijiet ta' pagamenti. Ghaldaqstant dan il-Kunsill qed jipproponi li ssir korrezzjoni biex jitnizzel dan l-Item fil-Minuti 43 (5). Il-Kunsill approva l-hlas ta' pagamenti ta' Lm 3,598.09.

Il-Kunsill approva din il-korrezzjoni.

45 (6) 2 **Hatra Ufficcjali tas-Segretarju Ezekuttiv**

Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali infurmah li l-Ministru kien approva l-hatra tas-Sur Arthur Perici bhala Segretarju Ezekuttiv b'effett mill-1 ta' Frar 2008.

Ghalhekk il-Kunsill irid jiddeciedi is-salarju tas-Sur Arthur Perici. Wara diskussjoni li saret mill-membri tal-Kunsill kien tal-fehma li s-Sur Arthur Perici ghandu jkollu salarju massimu mill-ewwel. Dan minhabba l-esperjenza ta' Segretarju Ezekuttiv ta' erbgha snin li s-Sur Arthur Perici kellu f'kunsill iehor. Il-Kunsill qabel li mal-kuntratt ta' imjieg tinbaghat ittra lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bhala notifika.

Fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva nem com li s-Sur Arthur Perici jkollu salarju massimu skond il-ftehim kollettiv.

Billi ma kienx hemm iktar xoghol tal-Agenda x'jigi diskuss, il-laqgha ntemmet fid-9.00pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ____________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Deputat Seġretarju Eżekuttiv